## HEMM XI SPEJJEŻ?

Iva, it-tariffa li trid titħallas hija l-istess li tapplika għall-każijiet l-oħra miftuħa quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Il-preżentazzjoni ta' Formola A tiswa' €40 u kwalunkwe notifika ta' dokumenti lill-parti l-oħra tiswa' €7.20.

## META MA NISTAX NUŻA DIN IL-PROĊEDURA?

Din il-proċedura ma tistax tintuża għal:

(a) l-istatus jew l-kapaċità legali tal-persuni fiżiċi;

(b) drittijiet ta' propjetà li jirriżultaw minn relazzjoni matrimonjali jew minn relazzjoni meqjusa mil-liġi applikabbli għat-tali relazzjoni li għandhom effetti komparabbli maż-żwieġ;

(ċ) obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjari, parentela, żwieġ jew affinita';

(d) testmenti u suċċessjoni, inkluż obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minħabba mewt;

(e) falliment, proċeduri relatati mal-istralċ ta' kumpaniji insolventi jew persuni legali oħra, arranġamenti ġudizzjarji, kompożizzjoni jew proċedimenti analogi;

(f) sigurtà soċjali;

(ġ) arbitraġġ;

(h) liġi tal-impjiegi;

(i) kirjiet ta' proprjetà immobbli, bl-eċċezzjoni ta' azzjonijiet dwar talbiet monetarji; jew

(j) vjolazzjonijiet tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni

Għal aktar għajnuna u informazzjoni, tista' tikkuntattja liċ-Ċentru Ewropew għall-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta) fuq id-dettalji pprovduti.

Dan il-fuljett huwa parti mill-azzjoni 670694 — ECC-Net MT FPA li rċieva fondi mill-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-programm ta' azzjoni tal-Komunita' fil-qasam tal-Politika tal-Konsumatur (2014-2020). Il-fuljett jista' jkollu opinjonijiet li mhux neċessarjament jirreflettu dawk tal-Kummissjoni Ewropea/CHAFEA jew korp ieħor tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea jew CHAFEA ma jaċċettaw ebda responsabbiltà għall-użu li jista 'jsir mill-informazzjoni kontenuta f'din il-pubblikazzjoni.

Assistenza u pariri għall-konsumaturi fl-Ewropa

ECC-Net

Ċentru Ewropew għall-Konsumatur Malta



# GWIDA PRATTIKA GĦALL-PROĊEDURA EWROPEA GĦAL TALBIET ŻGĦAR

Jekk għandek tilwima ma' bejjiegħ ibbażat fi Stat Membru ieħor tal-UE u ċ-Ċentru tal-Konsumatur Ewropew ma jkunx jista' jasal għal soluzzjoni jew il-kwistjoni ma taqax fil-kompetenza tiegħu, tista' tikkunsidra rimedju ieħor billi tressaq talba kontra l-kummerċjant permezz tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

European Consumer Centre (MALTA)
47A South Street, Valletta VLT 1101 - Malta
Tel: +356 21221901; Fax: +356 21221902
email: ecc.malta@mccaa.org.mt;
web: www.eccnetmalta.gov.mt

Ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropeja

## IL-PROĊEDURA

Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija għodda ġudizzjarja oħra biex jiġu nfurzati d-drittijiet tal-konsumatur. Din l-għodda tista' tipprovdi forma ta' għajnuna addizzjonali meta t-tentattivi amikevoli ma jwasslux għar-riżultat mixtieq. L-għan ewlieni hu li tissimplifika, kif ukoll tnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż fil-proċeduri ġudizzjarji fejn hemm element transkonfinali. Din tapplika kemm għall-kwistjonijiet ċivili kif ukoll kummerċjali meta l-valur tat-talba ma jaqbiżx il-ħamest elef ewro (€5000), minbarra l-interessi u l-ispejjeż. Din il-proċedura tista' tintuża' fl-istati membri kollha ta' l-UE ħlief id-Dannimarka.

## KIF TAĦDEM?

Hemm 4 formoli b'kollox. Formola A hija disponibbli mir-Reġistru Ċivili tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar jew tista' titniżżel mis-sit https://e-justice.europa.eu/content_small_claims_forms-177-en.do?clang=en

**Formola A:** Formola tat-Talba

**Formola B:** Talba mill-Qorti jew mit-Tribunal għall-mili u/jew rettifika tal-formola tat-talba

**Formola C:** Formola ta' risposta

**Formola D:** Ċertifikat dwar sentenza fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar jew dwar soluzzjoni bil-Qorti

L-ESCP hija proċedura bil-miktub. Madankollu, jista' jkun hemm il-possibilita' fejn il-Qorti tista' titlob smigħ bil-fomm. Inti għandek timla l-Formola A bil-lingwa tal-Qorti jew lingwa oħra li l-Qorti lesta li taċċetta, fil-każ tagħna l-lingwa Maltija flimkien ma' formola oħra miktuba b'ilsien li l-bejjiegħ ikun jista' jifhem.

**Tippreżenta t-talba - fil-Formola A,** għandek tinkludi d-dettalji u l-evidenza kollha, ehmeż id-dokumenti relevanti fejn applikabbli biex isostnu t-talba tiegħek. Barra minn hekk, għandek tispeċifika jekk hux qed titlob għall-ħlas ta' flus u/jew għal talba mhux monetarja bħal; kunsinna tal-oġġett li xtrajt jew is-servizz li ordnajt kif ukoll rimborż. La darba ddaħħal id-dettalji kollha huwa meħtieġ li tippreżenta dan l-ilment quddiem il-Qorti kompetenti.

Jekk Formola A ma jkunx fiha id-dettalji kollha meħtieġa jew ikun hemm bżonn li jiġu kkoreġuti, minħabba li mhux ċari jew inadegwati, allura l-Qorti tibgħat il-**Formola B** biex tikkoreġi d-dettalji jew timla l-informazzjoni nieqsa. It-talba tiġi rrifjutata jekk ma jkunx hemm l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin speċifikat jew l-informazzjoni pprovduta hija bla bażi jew inammissibbli.

**Tinnotifika lill-parti l-oħra -** Ladarba t-talba jkollha l-informazzjoni meħtieġa, il-Qorti tibgħat il-Formula C flimkien mat-talba u d-dokumenti anessi lill-konvenut bil-posta fi żmien erbatax-il jum (14), minn meta tkun rċeviet il-formola tat-talba mimlija jew rettifikata kif suppost.

**Ir-risposta tal-konvenut -** Il-konvenut imbagħad għandu tletin (30) ġurnata biex iwieġeb permezz tal-**Formola C** flimkien ma' dokumenti relevanti.

**Id-deċiżjoni u r-rikonoxximent -** Il-Qorti għandha tagħti sentenza fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta tkun sodisfatta bl-informazzjoni pprovduta.

La darba jkun hemm sentenza mill-Qorti, din tiġi rrikonoxxuta u nfurzata fl-Istati Membri l-oħra mingħajr l-ebda possibiltà li topponi r-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru fejn is-sentenza trid tiġi infurzata.

Fuq talba ta' waħda mill-partijiet, il-Qorti għandha toħroġ ċertifikat dwar is-sentenza mogħtija bl-użu tal-**Formola D** mingħajr spejjeż addizzjonali.

